**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 23 ta' Gunju 2023**

**<u>Rikors nru ; 297/2023 AGV ;</u>**

**DB**

*vs*

**EB**

**<u>Rikors</u>** ta' **DB** , detenriċi tal-karta tal-identita' numru 49690M;

Tesponi bir-rispett u bil-ġurament tiegħu tikkonferma:

1. Illi l-partijiet iżżewwġu nhar it-tmienja (8) ta' Awwissu, tas-sena elfejn u ħmistax (2015) fir-Reġistru taż-Żwieġ, il-Belt Valletta, kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala **Dokument A**.

2. Illi minn dan iż-żwieġ ma twieldux ulied.

3. Illi l-partijiet huma legalment separati b'kuntratt ta' separazzjoni konsenswali redatt minn Nutar Dottor Jacqueline Calleja datat l-għaxra (10) ta' Settembru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021); vera kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni hawn annessa u mmarkata bħala **Dokument B**.

4. Illi ma hemm l-ebda kwistjonijiet rigwardanti manteniment peress li l-Partijiet irrinunzjaw mid-dritt tagħhom li jirċievu manteniment mingħand xulxin.

5. Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet peress illi huma ilhom legalment separati minn xulxin sa mis-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), u il-partijiet illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin. In oltre', il-Partijiet ilhom separati *de facto* sa mis-sena elfejn u għoxrin (2020).

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

7. Illi l-esponenti qiegħda tannetti affidavit tagħha, ma dan ir-rikors, mmarkat **Dokument C**.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli  Qorti jogħġobha:

A. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ ta' bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A *et sequitur* tal-Kap16 tal-Liġijiet ta' Malta;

B. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jigi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Il-Qorti rat li l-konvenut ma ghandux oggezzjoni ghad-divorzju.

Ghalhekk setghet tghaddi ghas-sentenza.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar  it- 8 ta' Awwissu 2015**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**